MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VINCENT GALEA

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2013

Talba Numru. 695/2012

**Joseph BARTOLO**

**Vs**

**George FELICE**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fit-12 ta’ Ottubru, 2012** u li permezz taghha talab lill-intimat jhallsu s-somma ta’ disa’ mija tlieta u tletin euro [€933] u dan wara li ppremetta hekk:

“L-attur qed jitlob il-hlas ta’ €933 minghand il-konvenut bhala danni talli nhar l-1 ta’ Gunju 2012, il-kelb tal-konvenut baqa diehel b’sahha kbira fil-vettura ta’ l-attur Toyota bin-numru ta’ reġistrazzjoni KAI-142 u ghamel hsara f’din il-karozza kif jiġi spjegat waqt il-kawza.

Qed jintalbu ukoll l-ispejjez ta' l-ittra uffiċjali tal-20 ta' Settembru, 2012 u l-ittra interpellatorja tal-25 ta' Lulju, 2012.

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez kontra l-konvenut".

Ra **r-risposta tal-intimat** minnu mressqa fit-22 ta' Ottubru, 2012 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

"Illi t-talbiet attriċi huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dan stante illi ma hemm l-ebda konnessjoni bejn il-hsarat ikkaġunati lill-vettura Toyota KAT-142 u l-habta mal-kelb tal-esponenti u dan kif ser jiġi pruvat waqt is-smiegh tal-kawza.

Illi apparti minn hekk l-attur m'ghamel ebda rapport fuq il-post fejn saret l-allegata habta u ghalhekk ma jistax jiġi konstatat jekk effettivament il-habta sehhietx mal-kelb ta' l-attur jew ma kelb iehor.

Illi l-kelb ta' l-esponenti ma ġarrab ebda frattura jew dannu mill-allegat inċident, u dan kif gie ċċertifikat mill-vet Susan Balbo u dan minkejja illi r-rikorrenti qieghed jallega illi ġarrab hsarat fil-vettura tieghu ammontanti ghas-somma ezorbitanti ta' €933. Illi li kieku wiehed kellu jemmen it-tezi ta' l-attur ċertament impatt daqshekk b'sahhtu li jikkaġuna tali danni kien minghajr dubju ihalli l-kelb in kwistjoni mejjet.

Illi minghajr preġudizzju ghall-premess wiehed irid jeżamina ukoll jekk effettivament l-allegat inċident kienx tort tal-attur stess u jekk kienx qieghed isuq b'negligenza.

Salv eċċezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ta' l-attur in subizzjoni".

Ra l-verbali datati 17 ta' April, 2013 u 6 ta' Mejju, 2013 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. In succint jinghad li r-rikorrenti qieghed jitlob id-danni minghand l-intimat fl-ammont ta’ €933 u dan minhabba li l-kelb ta’ l-intimat baqa diehel fil-vettura tieghu u ikkagunalha l-hsara. L-intimat da parti tieghu jichad kull addebitubta’ htija.

Ikkunsidra;

2. Fis-seduta tas-16 ta’ Novembru, 2012 xehdet il-veterinarju **Dr. Suzanne Balbo**, li ġiet prodotta mill-intimat. Hija qalet li ilha teżerċita din il-professjoni sa mis-sena 1993 u li f’Gunju, 2012 hija kienet eżaminat kelb proprjetà tal-intimat tar-razza Saint Bernard u dan peress li huwa kien ghadu kif qala daqqa ta’ karozza. Meta marret id-dar ta’ l-intimat biex teżamina lill-kelb, hija sabet lis-seftura ta’ l-intimat li jisimha Annabelle u staqsieta x’kien gara. Skond din ix-xhud, is-seftura kienet qaltilha li “*... l-kelb ta’ l-intimat kien harab mid-dar, li hi bdiet issejjahlu biex jerga jirritorna lura*” (fol. 9). Ziedet tghid li imbaghad rat lill-kelb gej lura fuq il-bankina u li rat persuna taghmel mossa lil sewwieq ta’ vettura sabiex inaqqas il-velocita tieghu. Annabelle infurmata li d-daqqa li ha l-kelb kienet fuq in-naha tal-lemin tieghu. B’kollox, ix-xhud tghid li hija eżaminat lil kelb erba’ (4) darbiet. Tlett (3) darbiet minnhom dak in-nhar ta’ l-incident u darba’ ohra l-ghada. Qalet ukoll li *meta ezaminajtu l-ewwel darba jiena stajt nikkonstata li l-kelb kellu xi ftit hmieg bhal marki ta’ tyre fuq il-lower right leg viċin il-paw tieghu*” (fol. 9) u “*Ftit aktar il-fuq minn fejn kien hemm il-marka tat-tyre meta jiena bdejt naghfsu kellu tbenġila ghalkemm din ma setghetx tidher bil-fur però kull meta bdejt naghfsu fuq dan il-punt partikolari l-kelb beda juri li kien qed jiddejjaq però mbaghad il-kelb baqa b’sahhtu ma ġralu xejn*” (fol. 10).

3. F’din l-istess seduta tas-16 ta’ Novembru, 2012 **xehed ir-rikorrenti**. Huwa qal li fl-1 ta’ Gunju 2012 waqt li kien nieżel ghax-xoghol minn Triq il-Wied l-Iklin, u cioe dik

it-triq li taghti minn Naxxar ghal By Pass ta’ Birkirkara, hariglu kelb minn go *side street* bl-isem ta’ Triq Bruxka. Hekk kif appena lemah il-kelb, huwa pprova jwaqqaf il-vettura tieghu iżda ma rnexxielux u l-kelb baqa diehel fil-vettura tieghu. Sakemm huwa hareg mill-vettura tieghu, l-kelb telaq lill-hemm. Meta pprova jara fejn dahal il-kelb huwa ma rnexxielux, u kien ghalhekk li mar jaghmel rapport ġewwa l-Ghassa tal-Pulizija tan-Naxxar. Huwa gie nfurmat li l-kelb in kwistjoni kien jappartjeni lill-intimat. Zied ighid li s-surgent li kien qieghed jinvestiga l-kaz kien baghtu ghand ic-CID biex jiġbdu r-ritratti tal-hsarat. Imbaghad ha l-vettura tieghu ghand l-agent tat-Toyota u cioe Michael Debono Limited sabiex jaghmlulu stima ta’ kemm kienu ser tigieh biex isewwi l-hsarat li saru fuq il-vettura tieghu minhabba dan l-incident. Il-hsarat kienu jammontaw ghal €846.65c. Id-differenza bejn dan l-ahhar ammont u l-ammont li qieghed jitlob fl-avviz u cioe €933 li tiġi €86.35c hija l-*loss of use* tal-vettura tieghu sakemm din damet ghand l-agent biex tissewwa.

4. Il-kontro-ezami tieghu sar fis-seduta tal-14 ta’ Marzu, 2013. Huwa qal li l-incident sehh ghal habta tas-sebgha neqsin ghoxrin ta’ filghodu (6:40a.m.) u kien ghaddej b’madwar hamsa u tletin kilometru (35km) fis-siegha. Zied ighid li huwa kien qieghe disuq daqshekk bilmod l-ghaliex ma kienitx fl-istat li hi llum wara li tawha t-tarmac. Mistoqsi meta huwa kien kellem lill-intimat ghal ewwel darba, huwa qal li kien mar l-ghada u mhux erba’ (4) ġimghat wara kif kien qieghed jiġi suggerit lilu. Ftakar li kien kellmu permezz ta’ l-intercom. Qal ukoll li dak in-nhar li sehh l-incident kien cempillu s-Surgent li kien qieghed jinvestiga l-kaz u qallu li huwa kien sab sid il-kelb. L-indirizz ta’ l-intimat inghata lilu mill-Pulizija. Wara din l-ewwel okkazzjoni li kien mar ghand l-intimat, huwa reggha mar xi drabi ohra ghandu u kien hemm okkazzjoni fejn kienet kellmitu wahda mara.

Mistoqsi wara kemm kien mar ghand l-agent tat-Toyota Michael Debono Limited, ir-rikorrenti qal li huwa kien mar ghandu madwar jumejn jew tlieta wara li kien sehh l-incident. Qal li anke il-karozza tieghu ha hdejn l-intimat

sabiex dan ikun jista jara b'ghajnejh il-hsara li kienet garrbet il-vettura tieghu izda l-intimat ma riedx johrog.

B'zieda max-xhieda minnu moghtija fis-16 ta' Novembru, 2012, ir-rikorrenti qal li "*meta dahal il-kelb gol-karozza tieghi rasu nizlet fuq il-bonett tal-karozza tieghi*" (fol. 40).

5. Fis-seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2012 **xehed is-Surgent tal-Pulizija PS1147 Antoine Fenech** stazzjonat fis-sezzjoni tal-fotografija fil-FSM. Huwa ippreżenta seba' ritratti tal-kulur migbudin minn nies stazzjonati fil-laboratorju forensiku, fir-rigward tal-vettura bil-pjanca ta' reġistrazzjoni numru KAI-142. Dawn ir-ritratti gew immarkati bhala dok. AF1 sa dok AF7. In kontro-ezami, x-xhud qal li dawn ir-ritratti mhux hu kien gibidhom iżda nies addetti fil-laboratorju forensi. Dawn ir-ritratti ittiehdu bejn l-1 u t-2 ta' Gunju, 2012.

6. **Xehed ukoll is-Surgent tal-Pulizija PS1131 Justin Camilleri** stazzjonat l-Ghassa tan-Naxxar. Huwa gie muri d-dokument li hemm esebit a fol. 13 tal-process (dok. JB 1) u ikkonferma li kien hu li kiteb dan ir-rapport wara li kien mar ikellmu r-rikorrenti fl-1 ta' Gunju, 2012. Stqarr ukoll li kien l-ufficjal investigattiv. Ir-rikorrenti kien irrapporta li kien dahal fil-vettura tieghu kelb tar-razza Saint Bernard's. Minn stharrig li ghamel, huwa sab lil dan il-kelb kien jappartjeni lill-intimat. Meta huwa ikkomunika mal-intimat, huwa gie infurmat li "*l-kelb kien irnexxilu jahrab minn gor-residenza l-maid marret warajh izda ma rnexxilix taqbdu, l-incident fil-fatt sehh hekk meta il-kelb kien sejjer lura fir-residenza tal-Professur Felice*" (fol. 23). Ikompli jghid dan ix-xhud li l-intimat kien infurmah li l-kelb kien diġà gie invistat minn veterinarju u li sa dak il-hin ma kienx jidher li kellu xi griehi partikolari. In kontro-ezami, x-xhud qal li huwa ma kienx mar fuq il-post fejn sehh l-incident però huwa kien jaf fejn sehh l-akkadut l-ghaliex ilu stazzjonat in-Naxxar ghal dawn l-ahhar tlettax (13)-il sena. Mistoqsi dwar l-velocita tal-vettura, huwa qal li skond ma gie nfurmat mir-rikorrenti, huwa kien qieghed isuq bi speed moderat. Stqarr però li l-vettura huwa kien ra meta r-rikorrenti mar biha l-Ghassa tal-Pulizija. Qal li "*bhala hsarat jiena kont nizzilt fir-rapport tieghi li kien hemm*

*hsarat fuq in-naha ta' quddiem fin-naha tax-xellug, daqqa fuq il-bonnet, side lamp/indicator u mudguard tal-istess naha, dan qed nitkellem fuq in-naha tax-xellug fuq in-naha ta' quddiem. Id-daqqiet kif inhuma fil-vettura huma kompatibbli ma' daqqa tal-kelb, jista jkun li b'rasu laqat il-bonnet u b'gismu jkun laqat il-genb tal-vettura fejn l-indicator*" (fol. 23 u 24).

7. Fis-seduta tat-12 ta' Frar, 2013 tressaq mir-rikorrenti biex jixhed **Joseph A. Vella**, li huwa *body shop foreman* ma' Michael Debono Limited. Qal li fl-4 ta' Gunju, 2012 ir-rikorrenti kien gab il-vettura tieghu tat-tip Toyota Carina bil-pjanca ta' reġistrazzjoni KAI-142. Huwa qal li din il-vettura kellha bżonn xogholijiet ta' riparazzjoni, liema xogholijiet saru u l-invoices relattivi gew immarkati bhala dok. JV (fol. 35) u dok. JV 1 (fol. 36). In kontro-ezami, x-xhud qal li l-karozza tar-rikorrenti kienet f'kundizzjoni tajba meta iddahhlet fil-garaxx taghhom. Id-daqqiet, skond ma indika x-xhud "*kienu fil-kantuniera fuq il-bonnet fil-genb fuq in-naha ta' quddiem u mal-bumper. Id-daqqa fuq il-bonnet kienet fuq in-naha ta' quddiem lejn in-naha tax-xellug. Id-daqqa fuq il-genb kienet bejn it-tire u l-fanal tan-naha tax-xellug tal-karozza*" (fol. 31).

8. Xehed **l-intimat Professur George Felice**. Beda billi qal li lir-rikorrenti huwa ma jafux, iżda sar jafu madwar erba' ġimghat wara li kienu tajrulu l-kelb. Kompla jghid li dak-in-nhar kien mar ir-rikorrenti ghandu u kien "*introduca ruhu bhala Mr Bartolo u qalli li kien il-persuna li kien tajjarli l-kelb, fil-fatt meta qalli hekk jiena mbaghad ma ftahtlux il-bieb il-ghaliex konna qeghdin nitkellmu bl-intercom*" (fol. 33). Meta huwa staqsa lir-rikorrenti x'kien qieghed jippretendi minghandu, ir-rikorrenti wieġbu li ried il-flus tal-hsarat. Zied ighid li lill-kelb meta rah ma kien sablu l-ebda griehi pero' l-vet kienet qaltlu li rriskontrat xi tbengila zghira f'saqajh ta' quddiem.

In kontro-ezami, l-intimat qal li l-Pulizija kienu staqsewh jekk huwa kellhux kelb tat-tip Saint Bernard u jekk dan il-kelb kienx involut f'incident, ghal liema żewġ mistoqsijiet huwa wieġeb fl-affermattiv. Ikompli jghid li l-pulizija kellmuh dak-in-nhar ta' l-incident u ferm qabel ma kien

mar ir-rikorrenti ghandu. Zied ighid li l-Pulizija lilu kienet infurmatu li kien hemm persuna li marret taghmel rapport "*illi kien laqatli l-kelb tieghi*" (fol. 33) u li "*Hadd mill-Pulizija ma qalli illi kien hemm xi hadd qieghed jitlob xi flus minghandi minhabba l-hsarat li ghamel il-kelb tieghi fil-vettura tieghu*" (fol. 33).

Mistoqsi kif sehh l-incident de quo, l-intimat stqarr li "*mill-ftit mistoqsijiet li ghamilt jiena biex nara ezatti x'gara dakinhar kien hemm il-gate maghluqa pero' sussegwentement it-tifla z-zghira tieghi nsiet xi affarijiet fid-dar fethet il-gate li taghti ghal got-triq u dahlet fid-dar biex igib dawn l-affarijiet. X'hin fethet il-bieb tad-dar imbaghad il-kelb hareg minn god-dar, nizel id-drive way u baqa' hiereg fit-triq. Il-kelb ma kienx marbut god-dar*". Kompla jghid li "*Ahna noqghodu  attenti hafna illi meta jkun hemm il-gate li taghti ghal got-triq miftuha l-bieb tad-dar ikun maghluq il-ghaliex il-kelb ikun god-dar. F'dan il-kas inzerta kif diga ghidt illi t-tifla tieghi harget mid-dar, insiet xi haga, regghet marret lura, halliet il-gate miftuha u x'hin dahlet mill-bieb ta' barra mbaghad ghal god-dar il-kelb hareg il-barra*" (fol. 33). In ri-ezami, huwa qal li l-kelb huwa wiehed kalm hafna u li huwa mdorri fit-triq l-ghaliex martu tohorgu kull filghodu. Meta tohrog lill-kelb, dan ikun marbut (fol. 34).

Ikkunsidra ulterjorment;

9. Illi mill-provi prodotti, ftit li xejn hemm xi tghid fuq dan il-kaz. Jidher bic-car, u dan anke fi kliem l-intimat, li fl-1 ta' Gunju, 2012 meta bintu z-zghira marret id-dar biex tiehu xi affarijiet li kienet insiet warajha, hija halliet il-gate tad-dar miftuha u meta fethet il-bieb il-kelb hareg il-barra u baqa sejjer fit-triq fejn inzerta li f'dak il-hin kien ghaddej ir-rikorrenti bil-vettura tieghu. Kien hemm li l-kelb baqa diehel fil-vettura tieghu fuq in-naha tax-xellug taghha u kkaguna l-hsara li ġiet riskontrata. L-intimat fir-risposta tieghu jallega li l-intimat kien negliġenti fis-sewqan tieghu u li huwa kien ghaddej b'velocita iktar minn dik li jsemmi r-rikorrenti. It-Tribunal ma jistax jaċċetta din il-linja ta' difiża, ghas-semplici fatt illi kieku r-rikorrenti kien ghaddej b'xi veloċità qawwija, kieku l-kelb in kwistjoni ma kienx jispiċċa

biss b’tbegila. It-Tribunal ra ukoll ir-ritratti esebiti mir-rikorrenti u meta wiehed jikkunsidrahom fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, jaghtu iktar kredibilita lit-tezi tar-rikorrenti. Illi ghalhekk ghal dan l-incident, jahti biss l-intimat. Illi ghalhekk, l-ewwel, it-tieni u r-raba eċċezzjonijiet ta’ l-intimat qeghdin jiġu michuda.

10. Ghar-rigward tad-danni, r-rikorrenti esebixxa fattura (dok. JV a fol. 35) rilaxxata minn Michael Debono Limited ghall-ammont ta’ €846.13c. Dan l-ammont gie kkonfermat anke mir-rapprezentant tas-socjeta Michael Debono Limited u ghalhekk huwa dovut. Illi ghalhekk anke it-tielet eċċezzjoni qeghda tiġi michuda.

11. Ir-rikorrenti talab ukoll is-somma ta’ €86.87c bhala loss of use u dan ta’ kemm damet il-vettura ghand is-socjeta Michael Debono Limited sabiex tissewwa. It-Tribunal ma jqiesx dan l-ammont bhala xi wiehed esaġerat u ghalhekk qieghed jilqa l-istess talba tar-rikorrenti f’dan ir-rigward.

GHALDAQSTANT dan it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeċiedi t-talba billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha ta’ l-intimat, qieghed jghaddi biex jilqa t-talba u jikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta’ disa’ mija tlieta u tletin euro [€933] bl-imghaxijiet jibdew jiddekorru fuq dan l-ammont mit-22 ta’ Jannar, 2013 (data tal-fattura dok. JV a fol. 35).

L-ispejjez ghandhom jiġu sopportati fl-intier taghhom mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------